# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-2 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 03 ta' Lulju 2024 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**02.01 Talba**

02.02.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**02.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

02.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**02.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 01**

02.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 01 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u l-Viċi Sindku issekonda.

*Għall-benefiċċju tal-Kunsillieri l-ġodda ta' din il-Leġislatura, is-SE tat spjega qasira tal-istruttura tal-Aġenda u kif titmexxa laqgħa tal-Kunsill.*

**02.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

02.04.01 Is-Sindku infurmat li propju qabel din il-laqgħa tal-Kunsill, saret laqgħa mal-Membri tal-Bord rigward it-*Tender* tar-Restawr tal-Isptar il-Qadim. L-offerent li kien intagħżel, ma aċċettax li jiffirma l-kuntratt għal raġunijiet ta' xogħol ieħor li għandu u li għalhekk ma jistax jikkommetti ruħu għal dan il-proġett. Il-Bord irrakkomanda li l-Kunsill għandu jipproċedi mat-tieni l-irħas offerent, *AXD Co Ltd.*, u l-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu. Is-Sindku ppproponiet filwaqt li l-Kunsillier Sciberras issekonda.

02.04.02 Is-Sindku infurmat li ż-żewġ *tenders* dwar iż-żamma tal-ġonna pubbliċi u dwar it-tabelli u s-sinjali tat-traffiku, li kienu ġew ippreparati fil-Leġislatura preċedenti, ġew ippubblikati *online* fuq is-sistema *EPPS* sabiex min ikun interessat, jitfa' l-offerta tiegħu. Is-Sindku infurmat li għal dawn it-*tenders* hemm bżonn li jinħatar bord, fejn kien hemm qbil li għat-*tender* tal-Ġonna jkun hemm il-Kunsillier Galea u l-

Kunsillier Ghigo bħala membri tal-bord, filwaqt li għat-*tender* tat-Tabelli u Sinjali jkun hemm il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sciberras bħala membri tal-bord. Iċ-*Chairperson* għaż-żewġ bordijiet tkun is-Sindku.

02.04.03 Is-Sindku tat *update* rigward l-inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, li hija triq arterjali, fejn intlaqat wieħed mill-arbli ta' waħda mill-*pellican crossings* fejn bħala Kunsill infurmajna b'mod immedjat lil Transport Malta (TM) b'dak li seħħ. Minkejja dan ġejna infurmati li l-każ għandu jiġi referut lill-Infrastruttura Malta (IM) peress li l-*bypass* tinsab fir-responsabbiltà tagħha, kif ukoll jinħtieġ li jsir rapport mal-Pulizija u jiġi mgħoddi lil IM kif ukoll lis-Sezzjoni tal-Ħsarat fi ħdanha. Dan kollu rikjest, sar min-naħa tal-Kunsill, filwaqt li s-Sindku baqgħet issegwi tagħmel pressjoni permezz ta' komunikazzjoni mas-*CEO* ta' IM, mal-Ministru responsabbli, kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari O. Farrugia, sabiex il-*pellican crossing* tissewwa mill-aktar fis għas-saħħa u sigurtà ta' dawk kollha li jagħmlu użu minnha biex jaqsmu fil-*bypass*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.04.04 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jikkummissjona Rapport Tekniku dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, għar-raġuni li hemm diversi partijiet fiha fosthom fil-kantuniera ma' Triq Valletta, il-marki tat-triq, kif ukoll id-direzzjoni tas-sewqan fis-*service roads*, u oħrajn, li huma perikolużi. Hija semmiet li fil-Leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien indirizza l-periklu li kien qed jara li se jkun hemm skont d-diżinn tat-triq kif kienet se ssir mill-Gvern Ċentrali. Kien hemm qbil unanimu biex nipproċedu sabiex isir dan ir-rapport tekniku billi nibdew milli nagħmlu talba għall-kwotazzjonijiet sabiex possibilment ikollna r-rapport f'idejna sa Novembru 2024.

02.04.05 Is-Sindku infurmat li fuq struzzjonijiet tagħha, mill-uffiċċju qed tiġi kkordinata laqgħa mas-sidien tal-barrieri fi Triq Tas-Sejba, fejn għaliha se jkunu preżenti hi flimkien mal-*Environmental Manager* tar-Reġjun, u l-Kunsillier li se jkollu d-dekasteru tat-tindif, biex jiġi ndirizzat l-istat ħażin bil-ħmieġ u trabijiet fit-triq li qed joħroġ mat-trakkijiet li jaċċessaw il-barrieri. Il-Kunsillier Galea talab li jkun preżenti wkoll għal-laqgħa bħala l-Kunsillier responsabbli mill-buon ordni, u fuq din kien hemm qbill mill-Kunsillieri preżenti. Is-Sindku infurmat ukoll li qed tagħmel pressjoni mal-*Cleansing Department* sabiex tinħasel din it-triq fejn skond id-DĠ Deguara, qabel Settembru ma jistax jgħinna fit-tindif tat-triq għaliex m'għandux biżżejjed ħaddiema u peress li ma jistax juża l-makkinarju kollu tat-tindif minħabba li bil-kwantità ta' trabijiet li jkun hemm jinħoloq iktar inkonvenjent. L-iskop tal-laqgħa mas-sidien tal-barrieri huwa sabiex jiġu mitluba biex inaddfu t-triq min-naħa tagħhom mill-inqas darba fil-ġimgħa għar-raġuni li t-tindif jiswa l-flus u ma jistax ikun li t-tindif isir mill-Kunsill biss, anke fid-dawl li l-MOU bejn il-Kunsill u l-*Cleansing Department* għadu ma ġiex iffirmat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.04.06 Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni (SPI/SCI/05/2024) tal-Kunsill preċedenti, għall-fondi sabiex tittella' l-attività kulturali 'Stilel Taħt il-Kampnar', ġiet

milqugħa, fejn ser nirċievu iktar dettalji dwar dan fil-jiem li ġejjin. Hija infurmat li ser tkun qed tiltaqa' mad-Direttur Artistiku Luke Cassar, kif approvat fil-Kunsill preċedenti sabiex jibdew jiġu bbukkjati l-artisti, kantanti a basi ta' dak li hemm fl-applikazzjoni. Is-Sindku kompliet li appena jkollna informazzjoni kemm se jingħata fondi l-Kunsill min-naħa tad-Diviżjoni, jekk ikun hemm xi differenza, taħdem sabiex din tinġieb minn x'imkien ieħor, bl-istess mod li sar fl-attività preċedenti, fejn id-differenza ġiet mill-*Arts Council Malta* permezz tal-*Malta Arts Fund.* Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.04.07 Is-Sindku qalet li għandha tiġi deċiża ġurnata meta se ssir Quddiesa ta' Ringrazzjament għall-bidu ta' din il-Leġislatura, fejn għaliha għandna nistiednu wkoll lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillier Decelis li kienu parti mil-Leġislatura preċedenti. Kien hemm qbil unanimu li nitolbu lill-Kappillan jikkonfermalna jekk hux possibbli li l-quddiesa ssir il-Ħadd 28 ta' Lulju 2024 fit-8:30am. Kien hemm qbil ukoll li ninfurmaw lill-Każini tar-raħal, li wara l-quddiesa, il-Kunsill se jagħmel viżita qasira għandhom.

Is-Sindku pproponiet ukoll li għandna nistiednu lil Fr Blake, bħala l-Kappillan il-ġdid tar-raħal, peress li minħabba ċirkostanzi fejn kien hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli, din l-istedina kienet għadha ma saritlux. Il-Kunsillieri preżenti qablu li jekk il-Kappillan huwa disponibbli, nistednuh jiġi l-Kunsill nhar il-31 ta' Awwissu 2024 fis-6:00pm.

02.04.08 Is-Sindku semmiet li l-Kunsill għandu jagħmel Żjara ta' Kortesija lill-President il-ġdid ta' Malta. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandna nitolbu appuntament sabiex isseħħ din iż-żjara. Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa biex nistiednu lill-President ta' Malta sabiex iżżur l-Imqabba.

02.04.09 Is-Sindku rreferiet għal Seminar informattiv li attendiet għalih flimkien mal-Kunsillier Ghigo dwar il-*Cat Feeders* fejn sal-aħħar tal-Lulju 2024, il-Kunsill irid jissottometti l-informazzjoni mitluba dwar il-*cat feeders* fl-Imqabba. Is-Sindku kompliet li a fini ta' *GDPR*, għanda nikkomunikaw ma' Dr H. Mula, id-DPO, sabiex jiggwidana fir-rigward tad-data li qed niġbru dwar l-imsemmija *cat feeders.* Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.04.10 Is-Sindku semmiet l-attivitajiet li ikkomunikat mal-Kunsillieri dwarhom permezz taċ-*chat*, li huma żewġ mawriet għal Għawdex wara nofsinhar u oħra għal Sqallija, fejn ta' Għawdex huma *fully booked.* Hija żiedet li se tkun qed taħdem fuq l-aħħar attività għal dan is-Sajf li tkun il-ġurnata tradizzjonali f'Għawdex fejn id-data tentattiva hija it-18 ta' Settembru 2024. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**02.05 Dekasteri**

02.05.01 Is-Sindku infurmat li fil-jiem li għaddew, hija kellha laqgħa ma' kull Kunsillier rigward ir-responsabbiltajiet li se tassenja lill-Kunsillieri eletti għal din id-9 Leġislatura. Hija qrat ir-responsabbiltajiet kif ġej:

- Sindku Grace Marie Zerafa – Infrastrutura, Proġetti, Anzjani, Kultura, Komunitajiet u Qasam Soċjali
- Viċi Sindku Jonathan Dingli – Indafa, Ambjent u Edukazzjoni
- Kunsillier Emanuel Galea – Integrazzjoni Soċjali u Żamma tal-Ordni
- Kunsillier Owen Sciberras – Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivtajiet Fiżiċi
- Kunsillier Patrick Ghigo – Innovazzjoni u Ħarsien tal-Annimali

Is-Sindku kompliet li minkejja dawn ir-responsabbiltajiet, importanti li tibqa' l-komunikazzjoni u l-konsultazzjoni mas-Sindku. Fejn ikunu se jinħatru xi sotto kumitati, dawn iridu jiġu approvati waqt laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.05.02 Is-Sindku xtaqet tikkjarifika dwar ix-xewqa tal-Kunsillier Galea, anke wara li tkellem mal-Kunsillier Sciberras, sabiex ikunu parti mir-Reġjun. Hija ċċekkjat u kkwotat mil-Liġi (Kap 363. Pġ 26) fejn tgħid: *"Kull Sindku li jifforma parti minn dak ir-Reġjun għandu jaħtar rappreżentant tiegħu biex jifforma parti mill-Kunsill Reġjonali li s-Sindku jkun qed jifforma parti mir-Reġjun"*. Hija tħoss li fl-assenza tagħha għandu jkun il-Viċi Sindku li jkun is-sostitut tagħha.

02.05.03 Il-Kunsillier Galea, għamel xi mistoqsijiet dwar ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lilu. Is-Sindku spjegat u wieġbet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillier Galea. Il-kumplament tal-Kunsillieri preżenti, wkoll iddiskutew f'dan ir-rigward.

***Il-laqgħa kellha tiġi temporanjament sospiża, sakemm tiġi rristarjata s-sistema tal-istreaming, wara li nġibdet l-attenzjoni tal-kunsill li mhux qed tidher il-laqgħa. Minkejja dan, l-istream xorta ma ħadimx. Is-SE infurmat li l-laqgħa ser titkompla, u se tkun tista' tiġi segwita online fuq l-on-demand, kemm-il darba jiffunzjona r-recording tas-sistema.***

**02.06 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

02.06.01 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux possibbli li ssir kaxxa safra bl-isem *intermediate box* quddiem garage li jinsab fi Triq il-Parroċċa kanutuniera ma' Sqaq Numru 1. Dan għaliex ġie anke mħarrek meta ħalla l-vettura tiegħu quddiem il-garage li huwa tiegħu stess. Wara diskussjoni bejn il-Kunsillieri preżenti dwar din is-sitwazzjoni, is-Sindku qalet li se tiċċekkja x'jista' jsir mal-*Community Police*.

02.06.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-marki tat-triq fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, fejn is-Sindku spjegat li sakemm jiġi *awarded* it-tender tat-tabelli u sinjali, qed inġibu stimi biex nixtru ż-żebgħa sabiex ikun jista' jsir ir-rinfriskar tal-marki tat-toroq fir-raħal mill-ħaddiema tal-Kunsill, fejn dan ix-xogħol ikun l-aħjar li jsir fis-sajf. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.06.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-tindif tal-gutters fir-raħal. Is-Sindku spjegat li fost il-gutters hemm minnhom li jitnaddfu mill-ħaddiema tal-Kunsill, filwaqt li dawk fil-Pjazza u l-madwar ikollna bżonn l-għajnuna tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet

Pubbliċi, fejn dawn jitnaddfu għall-ħabta tal-aħħar ta' Awwissu bidu ta' Settembru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

02.06.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar meta tista' ssir żabra fil-Ġnien Misraħ Missjon filwaqt li jiżdied il-hedging fejn hemm nieqes. Is-Sindku spjegat li l-kuntratt taż-żamma tal-ġonna pubbliċi kien ġie tterminat mil-Kunsill għax ma kienx qed isir ix-xogħol mistenni. Sadanittant ġie ppreparat it-tender il-ġdid u sakemm dan jiġi *awarded* qed naħdmu bi stimi li ma jeċċedux il-Eur5K u għaldaqsant inkunu ftit limitati kemm ikun jista' jsir xogħol. Minkejja dan, l-imsemmi ġnien m'ilux li sar ix-xogħol fih. Il-Kusillieri ħadu nota ta' dan.

02.06.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-possibiltà li parti mill-ġonna pubbliċi tkun maqtugħa għall-annimali domestiċi li jkunu ma sidhom fil-ġnien biex iħammġu fiha, minflok ma jibqa' jintuża ġnien sħiħ bħalma qed jiġri fi Ġnien Misraħ Missjoni ż-Żgħira fejn spiċċa qisu latrina tal-annimali. Il-Kunsillieri ddiskutew flimkien dwar dan, fejn fosthom issemma li r-residenti se joġġezzjonaw minħabba l-irwejjaħ, irid ikun min imur inaddaf b'mod frekwenti dawn iż-żoni, u oħrajn. Ma kienx hemm qbil li parti mill-ġnien /ġonna pubbliċi tkun dedikata għall-klieb/qtates biex iħammġu fiha.

02.06.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar jekk il-każijiet pendenti mil-Leġislatura preċedenti hux ser ikun hemm kontinwità fuqhom. Is-Sindku kkonfermat li dak li għadu pendenti importanti li jsir follow up fuqu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.06.07 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar korrispondenza li tqassmet mill-Kunsill Lokali dwar *road hump* fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku spjegat li meta nirċievu talbiet għal *road humps*, qabel ma ssir it-talba lil Transport Malta, issir konsultazzjoni mar-residenti dwarha għaliex TM ma tapprovax it-talba k'ma jkunx hemm konsultazzjoni. Għaldaqstant meta jkun hemm maġġoranza ta' residenti li joġġezzjonaw, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ, u cioè għall-*hump* li ntalbet li ssir fil-viċinanzi tal-ħanut 'The Convenience' fi Triq Santa Katerina, it-talba lil TM ma ssirx. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.06.08 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-possibiltà li ssir *road hump* fi Triq iż-Żurrieq kważi viċin fejn hemm qisu salib it-toroq fil-parti mhux urbana. Wara diskussjoni dwar jekk hemmx xi kmamar abitabbli fiż-żona fejn qed tiġi proposta l-*hump*, ġie kkonfermat li m'hemmx u kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti li ssir it-talba lil TM għall-*hump.*

**02.07 Festa Santa Marija 2024**

02.07.01 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Soċjetà Santa Marija qabel il-Festa ta' Santa Marija 2024. Fil-laqgħa ġie diskuss dak li jinħtieġ li jsir min-naħa tal-Kunsill b'relazzjoni mal-festa, fosthom li navżaw lil TM dwar l-għeluq tat-toroq minħabba anke d-devjazzjoni tat-trasport pubbliku, dwar l-immaniġġjar tat-traffiku permezz tal-Uffiċjal tal-LESA għal lejliet u nhar il-Festa u waqt l-

armar ta' Triq il-Konvoj. Rigward tindif, il-Kunsill se jieħu s-servizz tal-*Cleansing Department.* Se jiġi ordnat ix-xorb għad-*drink* tal-bandisti, filwaqt li se nieħdu ħsieb ukoll l-ordnijiet għal *mobile toilets*, ambulanza u fjuri għal quddiem l-istatwa. Rigward il-kabbani se jintramaw bl-istess mod tas-sena l-oħra. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**02.08 Milied 2024**

02.08.01 Is-Sindku semmiet it-tiżjin tat-toroq b'dekorazzjonijiet tad-dawl tal-Milied, fejn is-sena li għaddiet kellna armata il-Pjazza tal-Knisja, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa (it-triq tan-nofs), u Triq il-Karmnu. Is-Sindku pproponiet li jekk jaċċetta u hemm qbil, din is-sena jerġa' jikkordina l-imsemmi tiżjin il-Viċi Sindku, fejn jiġu nvoluti wkoll il-każini tal-banda fl-armar, u fejn din is-sena nippruvaw narmaw anke Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Se jiġi ppubblikat ukoll l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern dwar talba għal stimi għal dawn id-dekorazzjonijiet.

02.08.02 Il-Viċi Sindku rrefera għal laqgħa li kellu mas-SE u mal-*Electrician* tal-Kunsill, u informa li biex tintrama Triq il-Konvoj bid-dekorazzjonijiet tad-dawl tal-Milied, hemm bżonn li jsir *cable* tul il-bypass kollha. Dan jista' jsir kemm *underground* kif ukoll *overhead*, fejn jekk isir *overhead* irid jintalab permess lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jintużaw l-arbli eżistenti tal-*istreet lighting* biex jitqabbad magħhom il-*cable* inkluż l-azzar, filwaqt li biex ix-xogħol isir *underground* se tintbgħat korrispondenza lill-IM sabiex naraw teżistix diġà l-infrastruttura minn fejn jgħaddi *cable* u jekk inhu l-każ, nitolbuhom permess sabiex jgħaddi l-*cable* minnha. Il-ħsieb hu li l-*cable* jibqa' armat s-sena kollha għar-raġuni li dan jistgħu jagħmlu użu minnu wkoll is-Soċjetajiet tal-Banda waqt il-jiem tal-Festi rispettivi, u ovvjament il-Kunsill fi żmien il-Milied. Kien hemm qbil li nistennew ir-risposta mingħand IM u nimxu minn hemm anke għall-fatt li biex isir dan il-proġett hemm spiża ta' madwar Eur10K. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

02.08.03 Is-Sindku semmiet li din is-sena ser nerġgħu nutilizzaw l-fondi allokati mir-Reġjun Punent sabiex terġa' tittella l-attività l-Mixgħela tal-Pjazza li tkun simili għal dik tas-sena l-oħra b'xi ftit tibdil fiha.

**02.09 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

Is-Sindku spjegat dwar il-lista ppreparata mis-SE lill-Kunsillieri li jkun fiha l-applikazzjonijiet kollha tal-Awtorità tal-Ippjanar minn laqgħa sa oħra tal-Kunsill biex jiġu diskussi u jaraw jekk hemmx bżonn li ssir xi oġġezzjoni dwarhom. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li din il-lista għandha tiġi ċċirkulata minn qabel għand il-Kunsillieri sabiex jilħqu jarawha qabel il-laqgħa. Fuq din kien hemm qbil. Minn fost il-lista, is-Sindku indikat liema fosthom jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Wara li dawn l-applikazzjonijiet ġew moqrija u diskussi, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għalihom.

**02.10 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

02.10.01 Korrispondenza mingħand TM bħala risosta għal eForm mibgħuta fil-Leġislatura prċedenti fejn kienet saret talba biex isiru road humps qabel ir-roundabout fi Triq il-Konvoj. It-tali talba ma ġietx aċċettata minn TM u s-Sindku qalet li ladarba ser nitolbu rapport tekniku fuq l-istess triq, m'hemmx għalfejn inkomplu niddiskutu dan il-każ. Il-Kunsillieri qablu ma dan.

02.10.02 Korrispondenza mingħand TM bħala risosta għal eForm mibgħuta fil-Leġislatura prċedenti fejn kienet saret talba biex isiru road humps fi Triq id-9 t'April 1942. It-tali talba ma ġietx aċċettata minn TM għax m'hemmx distanza biżżejjed biex it-tali *humps* isiru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

02.10.03 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-iskema SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, fejn ġiet estiża d-data sa meta tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Is-SE fakkret li fil-Leġislatura preċedenti, l-Kunsill ma kienx applika biex ma jikkommettix għal proġetti li jrid jaħdem fuqhom il-Kunsill ta' wara. Is-Sindku qalet li issa li reġa' għandna l-opportunità li napplikaw, nippruvaw nagħmlu xatba bis-*sensor* fl-entratura tal-Ġnien tal-Mentna inkluż il-manutenzjoni tal-istess ġnien. Hija kompliet li nistgħu nieħdu parir tekniku mingħand l-Enġinier tar-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandha tiġi pproċessata l-applikazzjoni f'dan ir-rigward.

B'referenza għall-imsemmi ġnien, Ġnien tal-Mentna, il-Kunsillier Galea staqsa lis-Sindku għaliex fl-aħħar proġett ta' tisbieħ li sar mill-Kunsill, tneħħew il-plakek kommemorattivi ta' meta nbena l-ġnien l-ewwel darba. Is-Sindku spjegat li dwar dan kien hemm deċiżjoni ta' Kunsill u għaldaqstant is-suġġett ma jistax jiġi diskuss qabel sitt xhur mid-deċiżjoni. Barra minn hekk semmiet li din l-ispjega ngħatat mill-Kunsill f'żewġ PQs differenti. Minkejja dan, kien hemm diskussjoni fit-tul bejn is-Sindku u l-Kunsillier Galea dwar dan is-suġġett.

02.10.04 Korrispondenza mingħand resident fejn reġa' talab li jsiru l-*parking bays* fi Triq il-Barumbara, minkejja li l-Kunsill diġà kien iggwidah sabiex japplika għal *communal reserved bay* for *blue badge holders*, ladarba teżisti sitwazzjon ta' saħħa fil-familja tiegħu u għalhekk għandu dritt japplika għaliha. Is-Sindku spjegat li kull fejn saru l-*parking bays*, naqsu ħafna spazji ta' parkeġġ u għaldaqstant iddikjarat li d-deċiżjoni tagħha hi li fejn m'hemmx *parking bays*, it-toroq jibqgħu kif inhuma. Minkejja dan tat iċ-ċans lill-bqija tal-Kunsillieri preżenti sabiex jiddiskutu u jiddeċiedu dwar dan, fejn kien hemm qbil unanimu li ma jsiru l-ebda *parking bays* fi Triq il-Barumbara.

02.10.05 Korrispondenza mingħand resident fi Triq it-Torri Vinċenti minħabba problema ta' aċċess għall-*garage* tiegħu minħabba l-vetturi li jkunu pparkjati fil-*parking bays* viċin l-imsemmi *garage* u faċċata tiegħu. Is-Sindku spjegat li mal-*garage*

kkonċernat kienu saru anke l-*1 metre double yellow lines* biex ikun jista' jimmanuvra però dan ir-resident xorta qed jgħid li għad għandu problema. Is-Sindku infurmat ukoll li dan il-każ eskala fejn kellha tintervjeni anke l-pulizija bejn dan ir-resident u r-residenti tal-blokka biswitu. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew fit-tul x'tista' tkun is-soluzzjoni għal din is-sitwazzjon li sfortunatament tidher li hija pura pika bejn il-ġirien. Il-Kunsillieri preżenti qablu li l-Kunsill jiltaqa' ma dawn it-talin billi jsiru żewġ laqgħat, waħda ma' dan ir-resident u oħra mal-bqija tar-residenti tal-blokka, sabiex jiġu spjegati l-*options* li hemm u mbgħad nimxu minn hemm. Il-laqgħat ġew skedati għal nhar is-7 ta' Awwissu 2024 fil-5.30pm u fis-6.15pm rispettivament.

02.10.06 Korrispondenza mingħand resident dwar problema ta' parkeġġ quddiem il-propjetà tiegħu fi Triq il-Franka. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew dan il-każ fejn l-istat preżenti ta' din it-triq, mhux possibbli li la jsiru marki tat-triq għaliex fit-terrapien ma ssirx żebgħa u lanqas *bollards* għaliex dawn ma jiġux approvati minn TM. Ser jiġi ċċekkjat mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jiġi identifikat jekk l-imsemmija parti tat-triq hix waħda pubbliku jew inkella privata u mbgħad nimxu minn hemm. Is-Sindku infurmat ukoll li fl-istess triq fejn hemm il-kamra mwaqqa' u li ilha ssegwi dwarha minħabba l-possibbilment espropju, ġiet infurmata li l-kamra kienet parti minn permess tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn din kellha titwaqqa'. Appena jkollha iktar informazzjoni dwar dan, se żżomm lill-Kunsill infurmat. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan kollu.

02.10.07 Korrispondenza mingħand sid plot li dalwaqt ser jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni fiha, u għalhekk jinħtieġ li jsir l-*hoarding*. Il-plot tinsab 'l isfel minn Triq il-Konvoj fejn riċentement seħħ inċident tat-traffiku u ntlaqat iċ-ċint tat-triq u l-ġebel waqa' f'din l-imsemmija plot. Sid il-plot qed jistaqsi jekk hux possibbli li l-*hoarding* isir tal-*bricks* u jinbnih fuq il-bankina. Wara diskussjoni dwar dan bejn il-Kunsillieri preżenti, kien hemm qbil li sid il-plot għandu jtella' l-*hoarding* minn ġol plot tiegħu u mhux jibni l-ħajt fuq il-bankina. Is-Sindku talbet sabiex niċċekkjaw ukoll mal-pulzija dwar x'sar fuq l-imsemmi inċident sabiex ifittex jitneħħa l-periklu mit-triq li taqa' fir-responsabiltà ta' IM.

02.10.08 Korrispondenza mingħand IM dwar ilment mill-Kunsill Lokali fuq tabella tat-triq li tindika postijiet storiċi u li qiegħda nstallata fis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar, li qed ittellef il-viżwal tax-xufiera li jkunu ġejjin min-naħa tal-Belt via Triq Karmenu Ciantar. Ir-risposta hija li t-tabella ser titressaq lura biex tnaqqas il-problema ta' vista. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

## 02.11 Ilmenti u Suġġerimenti

02.11.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment f'isem ir-residenti dwar l-inkonvenjent li qed ikun hemm fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti bejn il-ġnien u r-residenti biswit il-mekkanik. Dan għaliex l-ispazju tal-parkeġġ qed jiġi użat b'karozzi pparkjati li jkunu għat-tiswija, apparti li qed isir irrejżjar ta' vetturi u qed jidħol ħafna duħħan fir-residenzi tagħhom. It-talba hi li jsiru tabelli għal parkeġġ għar-residenti biss, isir yellow line

madwar il-ġnien, u jsir iktar infurzar. Is-Sindku infurmat li l-infurzar diġà qed isir filwaqt li jekk se jsiru linji sofor mad-dawra tal-ġnien se jkun hemm iktar problemi ta' parkeġġ. Wara diskussjoni dwar dan kollu kien hemm qbil li l-Viċi Sindku ser jerġa' jitkellem mar-residenti dwar x'jinħtieġu eżatt. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.02 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment f'isem xi residenti sabiex isir l-*istreet lighting* ġdid fit-triq f'Tat-Torba. Is-Sindku spjegat li t-tħaffir ta' arbli ġodda tad-dawl isiru mill-Kuntrattur tal-Kunsill u a spejjeż tal-Kunsill u ma jsirux mill-Korporazzjoni Enemalta. Is-SE spjegat dwar il-proċedura ftit twila sabiex isir dan fejn għalhekk meta jkollna talbiet għal dawl ġdid tat-triq fuq l-arbli jieħu fit-tul biex dan isir. Għar-raġuni li l-konfini jgħaddu minn nofs din it-triq imsemmija, is-Sindku ssuġġeriet li l-individwu għandu jressaq l-istess suġġeriment lill-Kunsill tal-Qrendi wkoll. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.03 Il-Viċi Sindku ressaq ilment f'isem rappreżentant tas-Soċjetà Santa Marija, dwar il-ħamrija li qed tittajjar għal fuq l-istatwa ta' Santa Marija mill-kuntrattur waqt li ssir it-tisqija tas-soft area li hemm biswit l-istatwa. Is-Sindku talbet ir-ritratti lill-Viċi Sindku sabiex tinforma lil Ambjent Malta dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.04 Il-Kunsillier Galea ressaq ilment dwar ħajt imwaqqa' fuq il-bankina fi Triq il-Qrendi, kif ukoll iż-żrar u l-ħġieġ li qed jittajjar fuq għal fuq l-istess bankina. Is-Sindku talbet lis-SE biex tinforma lill-kuntrattur tal-knis biex jiknes il-bankina fuq bażi regolari peress li t-triq hija fir-responsabiltà tal-Kunsill. Talbet ukoll biex isir rapport lill-pulizija dwar il-ħajt l-imwaqqa'. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.05 Il-Kunsillier Sciberras ressaq suġġeriment biex issir drop kerb quddiem garage fi Triq Santa Katerina viċin il-ħanut 'The Convenience Shop' kif ukoll quddiem żewġ garages f'binja li għadha mhix lesta imma l-garages jistgħu jintużaw u hemm bżonn l-aċċess għalihom. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex iġġib l-istimi sabiex għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.06 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar l-arbli li jintramaw fil-festi fi Triq Karmenu Ciantar fejn minkejja li l-vetturi jipparkjaw xorta fil-parking bays fejn hemm l-imsemmija arbli, il-vetturi jispiċċaw 'l barra mil-kaxxi. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li ma jista' jsir xejn dwar dan. Is-Sindku għamlet referenza wkoll għall-*bus stage* /venda fi Triq Karmenu Ciantar fejn qabel l-elezzjoni kellha laqgħa fuq il-post ma' rappreżentanti ta' TM fejn dawn infurmawha li l-*bus bay* ma tistax tinżel 'l isfel u li qed jaħdmu sabiex il-venda ssir,kif kien ilu jissuġġerixxi l-Kunsill, fi Triq il-Qrendi, iżda fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.07 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar ħaxix selvaġġ li ħiereġ mix-xibka tal-ġibjun il-miftuħ, speċjalment min-naħa tal-by-pass. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex

jiġi kkordinat it-tindif u l-qtugħ ta' ħaxix ħażin tal-ġibjun mill-qiegħ inkluż dawn li semma l-Kunsillier Sciberras. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

02.11.08 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li Triq Ġanni Darmanin u Triq il-Franka jingħalqu fil-festi tar-raħal għax qed jidħlu l-vetturi u jkun hemm konġestjoni tat-traffiku. Is-Sindku infurmat li fi Triq Ġanni Darmanin k.m Triq Gorġ Martin se jkun żewġ uffiċjali tal-LESA propju biex jimmaniġġjaw it-traffiku lejliet il-festa. Il-Kunsillier Ghigo ssuġġerixxa li l-istess area, minn Triq Xandru Farrugia lejn Triq Ġorġ Martin u Triq Mons Alfons Caruana jsiru temporanjament one-way fil-festi biex tiġi evitat din il-konġestjoni tat-traffiku lejliet u nhar il-festi tar-raħal, meta Triq il-Konvoj tkun magħluqa. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex niċċekkjaw ma' TM jekk din tistax issir. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**02.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/02**

02.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/02 ġiet approvata unanimament.

**02.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

02.13.01 Il-laqgħa ntemmet fl-10:30pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Awwissu 2024 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 19 ta' Awwissu 2024.

IFFIRMATI

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

IFFIRMATI

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**